MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 38/2013

Marthese Micallef

-vs-

Townhouse Limited

It-Tribunal

Ra’ l-avviz tat-talba prezentat fl- erbgha (4) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) illi permezz tieghu l-attrici talbet hlas fis-somma ta’ erbgha mija u erbghin Ewro (€440) minghand il-kumpanija konvenuta, dovuti bhala rifuzjoni ta’ depozitu ta’ kirja ta’ farmhouse f’Ghawdex, liema kirja qatt ma sehhet minhabba ghadd ta’ skuzi migjuba mill-kumpanija konvenuta. Bl-ispejjes kif mitluba fl-avviz.

Il-kumpanija konvenuta debitament notifikata baqghet qatt ma intavolat risposta u l-anqas deheret biex tikkontesta t–talba attrici.

Ra' l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-digriet tieghu tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi l-kumpanija konvenuta la intavolat risposta fiz-zmien rikjest mil-ligi u lanqas deheret biex tikkontesta l-istess, seduta stante. Minkejja li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostaklu, l-kumpanija konvenuta ma ressqet l-ebda ostaklu simili.

It-tribunal sema wkoll lil Marthese Micallef, tispjega kif hi giet frodata mir-rapprezentatrici tal-kumpanija konvenuta certa Annabele Monreale, li allegatament kienet qeghda taparsi taghmel kirjiet ta' farmhouses f'Ghawdex, tiehu d-depoziti u imbaghad thassar il-kirja fl-ahhar mument u ma tirritornax id-depoziti. Hekk gara fil-kaz odjern, fejn l-attrici hallset erba' mitt ewro depozitu ghal din is-suppost kirja li b'kollox kellha tiswa erba mija u erbghin ewro (€440). L-attrici baqghet minghajr dan il-hlas. Monreale ukoll harget ricevuta tal-hlas ghan nom ta'  Townhouse Limited, ghad-depozitu minnha rakkolt.

Fid-dawl ta' din l-ispjegazzjoni u fin-nuqqas ta' oppozizzjoni da parti tal-kumpanija konvenuta; it-talba attrici tidher gustifikata, salv illi l-ammont dovut lill-attrici mhux erbgha mija u erbghin Ewro kif intalab fl-avviz, izda l-ammont attwalment imhallas ta' erba mitt Ewro (€400). Ghalhekk it-talba attrici f'dan is-sens ghandha tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa it-talbiet attrici limitatament fl-ammont ta' erba mitt Ewro (€ 400); u ghalhekk jikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lil attrici s-somma ta' erba mitt ewro (€400). Bl-ispejjes kollha kontra l-kumpanija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------